MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 573/1997/1

Vincent Zammit
vs
Chairman Telemalta Corporation u b'digriet tal-10 ta' Mejju, 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta'l-1989, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma giex moghti l-promozzjoni li kien jisthoqqlu ta' "Executive Officer" minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.
Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni intimata fl-1986 fil-grad ta' Clerk. Illi r-rikorrent dejjem impenja ruhu u ha nteress fix-xoghol li gie nkarigat jaghmel u

dejjem wettaq id-doveri tieghu bl-akbar responsabbilta` u efficjenza.

Illi fost affarijiet ohra, ir-rikorrent kien inghata l-inkarigu li jwaqqaf l-arkivju tal-korporazzjoni intimata - xoghol li wettqu b'success u ghas-sodisfazzjon shih tas-superjuri tieghu.

Fl-1989, meta r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Clerk 1, kienu hargu sejhiet biex jimtlew vakanzi fil-grad ta' Executive Officer.

Illi peress li r-rikorrent kellu l-kwalifiki u l-esperjenza u s-seniority necessarji ghal dan il-grad, huwa applika biex jigi promoss ghal Executive Officer.

Illi r-rikorrent issejjah u attenda ghal interview li matulu rrisponda korrettement ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu u kien kunfidenti ferm li kien mar tajjeb. Madankollu, meta hareg ir-rizultat, ir-rikorrent ma giex promoss ghall-grad ta' Executive Officer filwaqt li gew promossi persuni ohra li ma kellhomx kwalifiki, esperjenza u seniority daqsu.

Illi r-rikorrent hass li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex huwa ma nghatax il-promozzjoni li kien jisthoqqlu, anzi r-rikorrent sostna li dan gara x'aktarx ghal mottivi politici.
Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, r-rikorrent sofra telf finanzjarju konsistenti fl-awment ta' paga relattiva ghall-grad ta' Executive Officer. Barra minn hekk il-fatt li ma nghatax il-promozzjoni ghal Executive Officer fl-1989, kellha konsegwenzi negattivi fuq il-karriera tar-rikorrent, peress illi meta sussegwentement saret ir-riforma fil-korporazzjoni intimata fl-1996, meta kull impjegat li kien ilu certu numru ta' snin fl-istess grad, gie awtomatikament imtella bi grad. Kien biss f'din ir-riforma li r-rikorrent ha l-grad ta' Executive Officer. Izda kieku ma saritx l-ingustizzja mieghu, riferita fil-paragrafi precedenti, kieku r-rikorrent kien awtomatikament jiehu l-promozzjoni ghal Assistant Principal, meta saret ir-riforma fl-1996.

Illi l-ingustizzja li sofra r-rikorrent tidher aktar cara meta wiehed jikkunsidra li hu llum huwa Head of Section, tal-arkivju tal-korporazzjoni intimata, u ghandu tnejn minn nies taht ir-responsabbilta` tieghu.

Illi b' hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997, ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju lir-rikorrent billi:

1. Jinghata l-promozzjoni li kien jisthoqqlu ghall-grad ta' Executive Officer, fiz-zmien li kellu jinghata tali promozzjoni;

2. Jigi assimilat fil-grad ta' Assistant Principal, skond ir-riforma tal-1996, mid-data li sehhet dik ir-riforma.

3. Jithallas l-arretratti ta' paga, overtime u allowances li tilef b'rizultat tal-ingustizzja li sofra.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Telemalta Corporation li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Executive Officer kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero` ma kienx ghadda peress li gab 38 marka minn 100. Ta' min isemmi li anqas dawk kollha li ghaddew ma nghataw il-promozzjoni peress li n-numru ta' vakanzi kien limitat.

3. Illi l-marki li gab ir-rikorrent kienu mqassmin hekk: 4 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 8 minn 25 marka ta' l-esperjenza; ebda marka minn 25 marka tal-kwalifiki; 15-il marka minn 20 ghal personalita/present section; 5 minn 10 marki ghal Other Sections; u 6 minn 10 marki ghal General Knowledge.

4. Illi r-rikorrent irid jissostanzja l-allegazzjoni tieghu li kien hemm haddiehor li minkejja li kien kwalifikat inqas minnu nghata vantagg mhux misthoqq fuqu. Il-korporazzjoni rrizervat li twiegeb ghal din l-allegazzjoni u tressaq xhieda meta r-rikorrent jaghti dettalji ahjar.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li meta fl-1987 inbidel il-Gvern minghajr ebda raguni nghata l-ewwel transfer tieghu, fejn intbaghat St Francis Ravelin Floriana. Wara li kien ilu biss xi xhur f'dan il-post rega' gie trasferit ghall-main store f'Sa Maison. Meta ntbaghat hemm gie avvicinat mis-superjuri tieghu biex iwaqqaf l-arkivji tal-Maltacom. Hu ha din ir-responsabbilta` taht idejh. Fl-1989 applika ghal Executive Officer, fl-1990 resaq ghall-interview fejn gie mistoqsi mis-Sur Charles Arrigo dwar il-vapuri li kien jahdem fuqhom fin-navy Ingliza. Minhabba r-responsabbilta` li kellu biex twaqqaf dan l-arkivju li sehh b'success ir-rikorrent hassu insultat li ma hax din il-promozzjoni. Semma li fil-job evaluation exercise li kien sar kien nstab li x-xoghol li kien qed jaghmel bhala Head of Section tal-arkivju kien jimmerita grad aktar gholi anki minn dak ta' Executive Officer. Wara l-1987 gie trasferit Sa Mason izda biex jaccetta li jkun inkarigat hemmhekk ried li jinghata l-grad relattiv ghal dak it-tip ta' xoghol. Qal ukoll li sar EO minhabba r-riforma klerikali li saret f'Novembru 1993. Ghamel referenza ghal Farrugia Raymond li kwalifiki kellu bhalu izda r-rikorrent sostna li kellu esperjenza aktar minnu. Qal ukoll li skond il-GWU qal li hu ghax-xoghol li kien jaghmel fl-arkivju kien jisthoqqlu l-grad ta' Principal. Fl-ahhar nett qal li kieku fl-1989 ha l-grad ta' EO fil-prezent seta' avvanza ghal grad ta' Assistant Principal. Ir-rikorrent xehed li ghalkemm ghall-kwalifiki ma gie moghti xejn hu kellu schooling sekondarju u kien ipprezenta certifikat dwarhom.

Xehed George Saliba fejn qal li r-rikorrent kien officer in charge ta' l-arkivju, kellu handyman mieghu jghinu fix-xoghol t'hemmhekk. Iddeskriva x-xoghol tar-rikorrent bhala tajjeb hafna, efficjenti u kapaci. Huwa nfurmat li kien hemm xi direttiva mill-union ghaddejja dwar is-Sur Zammit u x-xoghol li kien qed jaghmel fl-arkivju peress li skond il-job evaluation tal-Maltacom il-persuna li jiehu hsieb l-arkivju suppost ikun Principal. Ikkonferma li r-rikorrent illum il-gurnata ghadu nkarigat mill-arkivju.

Xehed Henry Cachia graduate professional officer mal-Malatcom fejn qal li r-rikorrent kien sub-altern tieghu peress li l-arkivju kien jaqa' taht ir-registru li kien inkarigat

minnu. Qal li r-rikorrent beda mill-bidu nett fl-arkivji kien jahdem minn jeddu u kien responsabbli bizzejjed fuq ix-xoghol, u li bena l-arkivji mix-xejn. Semma wkoll li kien gie l-Ministru tal-Edukazzjoni dak iz-zmien l-Onor. Dr Mifsud Bonnici u kien impresjonat mill-mod kif kien imqassam l-arkivju.

Xehed <u>David Buttigieg</u> rapprezentant tal-Maltacom fejn esebixxa r-rapport tal-bord ta' l-ghazla ghall-grad ta' Executive Officer. Qal li s-section ta' l-arkivji ilha stabbilita mill-1988/1989. Ikkonferma li r-rikorrent kien bena s-sistema ta' l-arkivju. Ikkonferma li meta kellu bzonn xi haga ghall-ufficcju tal-general Manager ir-rikorrent kien dejjem jaqdih b'efficjenza.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi fil-kawza fl-ismijiet Nathalie Attard vs Maltacom deciza fl-24 ta' Ottubru 2001 it-Tribunal qal:

**"Konsiderazzjonijiet generali:**
Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqhiex l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the <u>requirements of the job</u> and the <u>merit</u>, <u>qualifications</u>, <u>aptitude</u>, <u>experience</u> and <u>seniority</u> of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu <u>personality</u>, <u>other sections</u> u <u>general knowledge,</u> waqt li thallew barra **merit** u **aptitude.** L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

Is-selection Board hallu tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet;

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghatw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki inghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta' hafna haddiema fil-qasam ta' esperjenza huwa manifestament zbaljat;

il-komputazzjoni tal-marki ta' xi whud hija zbaljata;

ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;

Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet. B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni. Certament it-Tribunal mhux qieghed jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern. Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi ikollhom 60%. Experience tinzel ghal 15, Personality 15, Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika. Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif inghad, fil-

kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti irid mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti; izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet. Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra; kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li hadu l-promozzjoni ma kienux johduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz."

**Kunsiderazzjonijiet specjali:**
B'dak li intqal fuq il-marki tar-rikorrent ghandhom jigu revizi b'dan il-mod:
Dwar ***years of service*** ir-rikorrent irid jinghata 8;
Dwar ***experience*** ir-rikorrent inghata 8; bil-formula hawn fuq imsemmija din ssir 5;
Dwar ***kwalifiki*** r-rikorrent inghata 0. Fil-fatt jirrizulta li r-rikorrent kien ipprezenta certifkat fuq schooling pero` dan m' hu ebda certifikat ta' livell gholi. It-Tribunal qieghed jallokalu 3 marki;
Dwar ***personality*** ir-rikorrent inghata 15; ghalhekk bil-formola fuq imsemmija ssir 12;
Dwar ***Other Sections*** ir-rikorrent inghata 5 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 3;
Dwar ***General Knowledge*** ir-rikorrent inghata 6 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 3;
Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrent ghal 34.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.